# Aħna nqattgħu ħajjitna ngħixu fil-bini
# Ejja nagħmlu l-bini sigur kontra n-nar

15 organizzazzjonijiet, li jirrappreżentaw esperti minn postijiet differenti fl-Ewropa, qed iħeġġu lill-Istituzzjonijiet Ewropej u lill Membri biex jaħdmu fuq **Strateġija Ewropeja dwar is-Sigurtà Kontra n-Nar** li tagħti approċċ koordinat għas-sigurtà kontra n-nar.

**Għaliex?** Għax aħna nemmnu fit-titjib tas-sigurtà kontra n-nar fil-bini għal kulħadd, kemm jekk dak li jkun jgħix fl-Unjoni Ewropea, kif ukoll jekk iżurha. Aħna nqattgħu 90% tal-ħin tagħna fil-bini. Billi noħolqu ambjent li fih il-bini jkun aktar sigur, aħna se nagħmlu impatt pożittiv fuq l-ekonomija, l-ambjent, is-saħħa u l-benesseri għas-soċjetà kollha. Dan jista' jinkiseb biss permezz ta' approċċ koordinat fir-rigward tas-sigurtà kontra n-nar fuq livell tal-UE.

In-nar fil-bini jaffettwa **lin-nies:** Fl-UE, iseħħu mill-inqas 5,000 inċident kuljum ikkawżati min-nar, u ħafna minnhom jaffettwaw il-familji u l-komunitajiet, xi kultant għall-ħajjithom kollha. Kull sena fl-Ewropa, madwar 70,000 ruħ jiddaħħlu l-isptar minħabba ġrieħi serji relatati man-nar. Madwar id-dinja, it-tfal jammontaw sa 30% tal-ġrieħi u l-imwiet ikkawżati min-nar. Il-pumpiera tat-tifi tan-nar jiġu affettwati ħafna, u jkollhom sa 14-il tip differenti ta' kanċer li jaffettwahom aktar mill-pubbliku in ġenerali.

In-nar fil-bini jaffettwa l-**ambjent:** In-nirien jikkawżaw ammonti enormi ta' tniġġis tal-arja. Huma jnaqqsu l-materjali u jżidu l-emissjonijiet tal-karbonju, u din hi sfida ewlenija għall-immaniġġjar ta' riżorsi sostenibbli. Aħna nemmnu li biex inkunu sostenibbli, il-bini jeħtieġ li jkun jiflaħ għan-nar. Il-bini m'għandux jinħaraq jew iġarrab ħsara kbira min-nar.

In-nirien fil-bini għandhom **prezz:** €126 biljun jintefqu minħabba ħsara kkawżata min-nar kull sena. Għall-pajjiżi Ewropej, dan ifisser 1% tal-PGD (Prodott Gross Domestiku) tagħhom . In-nar jista' jwassal għal telf maġġuri fl-infrastruttura, dejta u telf ta' stokk, inqas produttività, qgħad fost l-istaff, u anki falliment.

**Il-bini tagħna qed jinbidel:** Disinji ġodda tal-bini ta' spiss ikun fihom spazji miftuħin, b'inqas ostakli, bħal bibien u ħitan, u jużaw metodi ġodda ta' kostruzzjoni. Il-bini dejjem qed isir aktar insulat u li ma jħallix arja tidħol/toħroġ (airtight), b'aktar oġġetti kombustibbli fi ħdan il-bini u fl-istrutturi tiegħu. Hemm ukoll aktar materjali kombustibbli fl-għamara tagħna u kontenut ieħor. Dawn il-bidliet jikkawżaw li n-nirien fil-bini jinfirxu aktar malajr minn qatt qabel u jsiru aktar perikolużi. Ħlief jekk il-prestazzjoni kontra n-nar tiġi kkunsidrata bħala parti ewlenija tas-sostenibbiltà, il-bini tal-futur se jkun jiflaħ inqas għall-aktar theddida antika kontrih - in-nar!

**Flimkien nistgħu nagħmlu differenza:** L-Istati Membri tal-UE jistgħu jikkooperaw fuq is-Sigurtà kontra n-Nar. Il-Kummissjoni Ewropea tista' tikkoordina mad-direttorati tagħha - mill-Ġustizzja sal-Edukazzjoni, u l-Enerġija u aktar - sabiex tistabbilixxi Strateġija Ewropea dwar is-Sigurtà Kontra n-Nar li se tippermetti lill-pajjiżi Ewropej biex:




1. **Jiġbru dejta komparabbli**
2. **Jaqsmu mal-oħrajn l-aħjar prattiki**
3. **Jiffurmaw viżjoni għas-sigurtà kontra n-nar fil-bini**

**Ibda agħmel differenza** billi tingħaqad mas-sejħa tagħna għall-azzjoni: share, tweets, like, blogs, tkellem dwar il-kampanja, li inti tista' ssegwi fuq http://bit.ly/2o7FwcB